MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1667/1998/1

**Joseph u Victor aħwa ŻAMMIT f'isimhom proprju kif ukoll fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi tas-soċjetajiet Zammit Automobiles Limited, VPJ Limited, Mira Motor Sales Limited, Mira Holdings Limited, Mira Estates Limited, VPJ International Limited u Associated Motor Company Limited**

**vs**

**Paul ŻAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta' Awissu, 1998, li bih l-atturi ippremettew;

Illi l-konvenut għandu fil-pussess tiegħu proprjeta' in parte appartenenti lill-atturi u in parte appartenenti lis-soċjetajiet minnhom rappreżentati ta' formanti parti minn assi mobiljari li kienu jinsabu fil-fond 148a, Rue D'Argens,

Msida, liema assi l-atturi m'għandhomx aċċess għalihom billi l-konvenut klandestinament u kontra l-volonta' ta' l-atturi ħa dawn l-istess assi taħt idejh bl-iskuża li kien ser jamministrahom fl-interess ta' l-atturi pro et nomine,

Illi l-atturi m'hux biss għandhom dritt ikunu jafu liema assi mobiljari minn dawk l-assi kollha li kienu jinsabu fil-fond 148a, Rue d'Argens, Msida huma tagħhom u b'hekk ikunu jistgħu jeżerċitaw kull azzjoni legali spettanti lilhom sabiex ikunu f'qagħda li jgawdu dawk l-istess assi, imma huma obbligati fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi tas-soċjetajiet imsemmija, kollha formanti parti minn Zammit Group of Companies, li jissalvagwardjaw l-interessi ta' dawn l-istess soċjetajiet u dan billi jkollhom pussess u kontroll effettiv ta' l-istess assi;

Illi għal fini li l-atturi jeżerċitaw id-dritt tagħhom fil-Liġi kif ingħad fl-aħħar premess qabel dan u jeżegwixxu l-obbligi tagħhom naxxenti mill-kapaċita' tagħhom ta' diretturi tas-soċjetajiet formanti parti minn Zammit Group of Companies, huma għandhom bżonn f'idejhom inventarju dettaljat ta' l-assi kollha, fosthom dawk in parola, li kienu jinsabu fil-fond 148a, Rue d'Argens, Msida, liema inventarju jista' jipprovdieh biss il-konvenut, stante li l-assi li kienu jinsabu fl-imsemmi fond huma fil-pussess tal-konvenut u li għalihom l-atturi m'għandhomx aċċess;

Illi għall-finijiet li jikkawtelaw d-drittijiet hawn fuq imsemmija fuq dawn l-istess assi u sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif ingħad, l-atturi fit-30 ta' Lulju, 1998, ippreżentaw Mandat ta' Deskrizzjoni numru 2807/98 M1 fl-istess ismijiet tal-kawża odjerna, liema mandat ġie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti;

Għaldaqstant l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tordna li huwa jagħmel inventarju dettaljat ta' l-assi kollha fil-pussess tiegħu, li kienu jinsabu fil-fond 148a, Rue d'Argens, Msida, bl-assistenza, jekk din il-Qorti jidhrilha xieraq, ta' espert nominandi;

2. Tordna li huwa jikkonsenja dan l-istess inventarju lill-atturi, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu iffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Fin-nuqqas din l-Onorabbli Qorti tawtorizza lill-atturi li jagħmlu tali inventarju huma stess a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 2807/98 M1 u bl-imgħax legali, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fid-9 ta' Diċembru, 1998, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. L-infondatezza tat-talbiet attriċi fil-fatt u fid-dritt stante li hu ma għandu fil-pussess tiegħu l-ebda oġġett mobbli proprjeta' tal-atturi;

2. Illi fit-tieni lok, u bla preġudizzju tas-suespost, il-konvenut Paul Zammit ma ħa l-ebda oġġett mobbli li kien jinsab fil-fond 148a, Rue d'Argens, Msida, iżda kienu l-istess atturi li spussessawh minn oġġetti mobbli lilu appartenenti u li kienu jinstabu fl-istess fond u dwar dan il-fatt l-istess konvenut iddeduċa t-talbiet tiegħu quddiem din l-Onorabbli Qorti permezz ta' ċitazzjoni bin-numru 658/98 liema ċitazzjoni tinsab appuntata u wasslet fi stadju avvanzat tas-smigħ;

3. Illi fit-tielet lok, u bla preġudizzju għas-suespost l-atturi għandhom jindikaw x'inhuma l-assi mobbiljari li fuqhom jippretendu xi dritt, kif ukoll in-natura tad-dritt pretiż minnhom;

4. Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għas-suespost, l-uniċi oġġetti li l-eċċipjent ħa mill-korp tal-bini magħruf bħala 148, Rue d'Argens, huma l-oġġetti mobbli lilu appartenenti li kienu jinsabu fir-residenza tiegħu, u ċioe', fl-appartament 128R, Rue d'Argens, Msida, illi l-eċċipjent ma hux tenut jagħti rendikont dwar dak li jagħmel bil-proprjeta' tiegħu;

5. Illi fil-ħames lok u bla preġudizzju għas-suespost hemm preżunzjoni fil-Liġi li possessur in buona fede ta' oġġetti mobbli għandu l-proprjeta' ta' l-istess oġġetti mobbli; illi għaldaqstant sta għal kull wieħed mill-atturi jipprova t-titlu tagħhom fuq l-oġġetti in kwistjoni;

6. Illi fis-sitt lok, u bla preġudizzju għas-suespost, l-atturi ma għandhomx interess fit-talbiet dedotti permezz taċ-ċitazzjoni odjerna.

7. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Novembru, 1999[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Diċembru, 1999, li bih u fuq talba tal-atturi b'rikors tagħhom tal-10 ta' Diċembru, 1999, reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ għad-9 ta' Frar, 2000;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Ottubru, 2001[2], li bih laqgħet talba magħmula mill-atturi f'rikors tagħhom tal-24 ta' Novembru, 2000, biex ix-xhieda mogħtija mill-istess atturi u x-xhud tagħhom fl-atti tal-kawża numru 658/98RCP jidħlu fl-atti ta' din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Novembru, 2001[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-atturi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm bil-meżż tal-affidavit u kif ukoll bil-fomm quddiem il-Qorti;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 ta' Jannar, 2004[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-imħarrek;

---

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 52 tal-proċess
[3] Paġ. 59 tal-proċess
[4] Paġ. 87 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrek;

Rat illi l-atturi naqsu li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub fiż-żmien mogħti lilhom, u lanqas ressqu xi att biex jingħataw aktar żmien biex jagħmlu dan jew xi talba biex il-Qorti ma tgħaddix għall-għoti tas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2004, li bih ħaliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal għoti ta' inventarju ta' ġid li l-atturi jgħidu f'parti huma tagħhom u f'parti huma tal-kumpanniji attriċi, liema ġid jgħidu li jinsab f'idejn l-imħarrek. L-atturi, fil-kwalita' tagħhom personali jew ta' rappreżentanti tal-imsemmija kumpanniji, qegħdin jitlobu lill-imħarrek biex jagħtihom lista dettaljata ta'dak il-ġid biex ikunu jistgħu jgawduhom ukoll u biex ikunu jħarsu l-jeddijiet tal-imsemmija kumpanniji u jagħtu rendikont tal-ġid soċjali. Huma jgħidu li l-imsemmi ġid kien għal xi żmien ġo fond f'Rue d'Argens, Gżira, u llum jinsab taħt idejn l-imħarrek u li huma m'għandhomx aċċess għalih. Qegħdin jitolbu wkoll li jekk l-imħarrek jonqos li jirrediġi l-inventarju, ikunu jistgħu jagħmlu dan bi spejjeż tiegħu;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi ċaħad li qatt neħħa xi ħaġa mill-post imsemmi mill-atturi li ma kienx tiegħu personalment, u li jekk qegħdin jirreferu għal ġid li jinsab f'post ieħor, iridu qabel kollox jippruvaw x'jedd għandhom fuq tali ġid. Iżid jgħid ukoll li dak li hu f'idejh hu tiegħu personalment, kif kien iddikjara missieru stess, li kien ħallielu dak il-ġid ukoll bi prelegat fit-testment tiegħu, u għalhekk m'għandu l-ebda obbligu li jagħmel inventarju;

Illi l-fatti li jirriżultaw mill-atti juru li l-atturi u l-imħarrek huma aħwa. Missierhom Pio Eucharistico Żammit miet testat fil-21 ta’ Lulju, 1997. Ommhom kienet għadha ħajja. L-imħarrek kien jgħix mal-ġenituri tal-partijiet f’post f’Rue d’Argens, Gżira, li kien ukoll is-sedi kummerċjali tan-negozji li kien imexxi l-missier u mbagħad għadda fuq uliedu, l-istess partijiet fil-kawża. Wara mewt il-missier, inqalgħu kwestjonijiet bejn il-partijiet kemm għar-rigward tat-tmexxija tal-kumpanniji u kif ukoll dwar il-paternita’ ta’ ġid li kien jinsab fl-imsemmi fond. Minħabba f’hekk, ġarr u mar jgħix f’dar li kellu f’Ħal Lija. Miegħu ħa toqgħod lil ommu. Waqt li kien għaddej bil-proċess tal-ġarr, f’xi żmien f’Marzu tal-1998, l-atturi kienu sejħu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpannija u neħħewh minn direttur tagħha. Kienu ħadu wkoll rimedji oħrajn biex ma jibqgħux jitneħħew affarijiet mis-sede soċjali. L-imħarrek fetaħ kawża ta’ spoll kontra l-atturi[5] mixlija li ħadu l-affarijiet mill-imsemmi fond u neħħewh mill-pussess u aċċess għall-istess;

Illi fid-29 ta’ Lulju, 1998, l-atturi talbu u kisbu l-ħruġ ta’ Mandat ta’ Deskrizzjoni[6] kontra l-imħarrek, liema talba ntlaqgħet dak inhar stess, u fetħu din il-kawża fil-11 t’Awissu, 1998;

Illi fil-konsiderazzjonijiet ta’ dritt li l-Qorti sejra tagħmel dwar dan il-każ, trid issemmi qabel kull ħaġ’oħra li din l-azzjoni tagħmel parti minn sensiela ta’ proċedimenti ġudizzjarji li l-partijiet ħadu kontra xulxin f’medda ta’ żmien wara l-mewt ta’ missierhom. Illum ukoll din il-Qorti qegħda tagħti s-sentenza dwar talba oħra magħmula mill-istess atturi kontra ħuhom biex jagħti inventarju dirett tal-ġid tal-kumpanniji li għandu f’idejh[7]. Din l-azzjoni nbdiet wara li l-imħarrek kien ressaq azzjoni ta’ spoll kontra l-atturi, sewwasew dwar ħwejjeġ (ġid u possedimenti oħrajn) li kienu jinsabu fl-istess post ġo Rue d’Argens. Fuq ordni li kienet tat din il-Qorti waqt stadju bikri tas-

[5] Ċitazz. Nru. 658/98RCP maqtugħa mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-30/5/2002 favur l-attur (f’dik il-kawża, jiġifieri l-imħarrek Paul Żammit) u minnha tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell (l-appell għadu pendenti)
[6] Mandat 2807/98
[7] Ċitazz. Nru. 1668/98JRM

smigħ tal-kawża, provi mressqin mill-partijiet f'din il-kawża kellhom jgħoddu għall-oħra, u viċi versa;

Illi, bħalma huwa l-każ fil-kawża l-oħra li għandha quddiemha l-Qorti llum, din l-azzjoni hija karatterizzata wkoll minn nuqqas qawwi ta' provi konkreti li jistgħu jwasslu lill-Qorti biex tagħmel stħarriġ xieraq u sħiħ tal-allegazzjonjiet tal-partijiet, imma l-aktar ta' dak li l-atturi jippretendu;

Illi fost ir-regoli ewlenin li jsawru kull proċediment ġudizzjarju, hemm tnejn li jikkostitwixxu s-sinsla tal-aspett probatorju ta' kull kawża: l-ewwel regola hi l-Qorti għandha **fil-każijiet kollha** tordna li ssirilha **l-aħjar prova** li l-parti tista' ġġib[8]; it-tieni regola hi li l-obbligu ta' prova ta' fatt imiss **dejjem** lil min jallegah[9]. Taħt il-massima *actor non probantur, reus absolvitur* jiġi li jekk parti attriċi f'kawża tonqos li tipprova dak li fuqu tibni t-talba ġudizzjarja tagħha, il-parti mħarrka tinħeles milli twieġeb għal tali talba[10];

Illi l-Qorti tqis li li l-atturi qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom fuq żewġ premessi: għal dak li jirrigwarda l-interess tagħhom personalment, huma jridu li jingħataw tgawdija ta' dawk li huma ħwejjiġhom; għal dak li jirrigwarda l-interessi tal-kumpanniji attriċi li huma jirrappreżentaw, huma jridu li jingħataw it-tagħrif sabiex ikunu f'qagħda "li jissalvagwardjaw l-interessi ta' dawn l-istess soċjetajiet" u "jeżegwixxu l-obbligi tagħhom naxxenti mill-kapaċita' tagħhom ta' diretturi tas-soċjetajiet imsemmija". Sallum, l-atturi ma fissru bl-ebda mod fiex jikkonsistu tali obbligi;

Illi dwar il-provi li ressqu l-atturi, irid jingħad li dawn jikkonsistu biss f'dikjarazzjonijiet f'għamla ta' affidavit. Dawn id-dikjarazzjonijiet huma kopja awtentikata tal-istess dikjarazzjonijiet li ressqu fil-kawża l-oħra. Minbarra dan, għalkemm jitressqu erba' (4) dikjarazzjonijiet "differenti", meta wieħed jaqrahom isib li jgħidu l-istess ħaġa f'kollox, bħallikieku kienu "klonati". Din l-imġiba ma tgħin xejn biex

[8] Art. 559 tal-Kap 12
[9] Art. 562 tal-Kap 12
[10] App. Inf. **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans Joachim Link et vs Raymond Merċieca***

wieħed jaċċetta li d-dikjarazzjonijiet imressqa jikkorroboraw lil xulxin. F'dan il-waqt, din il-Qorti ttenni l-osservazzjonijiet f'lokhom li għamlet il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza dwar l-azzjoni ta' spoll imressqa mill-imħarrek kontra l-atturi f'din il-kawża, dwar il-mod kif tħaddmet il-proċedura tax-xhieda b'affidavit[11];

Illi minn qari ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, ma jingħata l-ebda ħjiel ta' liema huwa l-ġid illi l-atturi jippretendu li huwa tagħhom u lanqas tal-ġid li jippretendu li huwa tal-kumpanniji attriċi. Jinjoraw għal kollox li parti mill-imsemmi ġid kien saħansitra fil-pussess tal-atturi nfushom[12]. Fuq kollox, ma jagħmlu l-ebda tentativ biex, imqar fuq livell ġenerali, juru (aktar milli sempliċement jallegaw) kif dak il-ġid tassew jappartieni jew lilhom jew lill-kumpanniji rappreżentati minnhom. Għajr għall-implikazzjoni (negattiva) li dak il-ġid ma setax inkiseb mill-imħarrek b'fondi jew riżorsi tiegħu personalment, l-atturi ma jseħħilhomx juru kif allura dak il-ġid huwa tagħhom. Il-provi (kważi petitorji) mressqin fil-kawża ta' spoll lanqas ma jgħinu biex jgħollu tali implikazzjoni sal-livell ta' prova;

Illi għalhekk ma tistax tifhem kif l-atturi qegħdin isostnu l-allegazzjoni tagħhom fil-konfront tal-imħarrek meta, mill-ftit provi mressqin, joħroġ li huma żammew il-kontroll effettiv tal-kumpanniji li tagħhom qegħdin igawdu rappreżentanza. Jekk tassew li tali ġid f'parti minnu kien ġid mixtri bi flejjes jew fondi tal-kumpanniji, jew liema minnhom, l-anqas li wieħed jistenna huwa li jintwera li l-kotba ta' dawn il-kumpanniji kieni jagħtu ħjiel jew affidament ta' transazzjonijiet bħal dawn. L-atturi ma jindikaw bl-ebda mod li l-imħarrrek ġarr miegħu ukoll il-kotba tal-kumpannija. Hemm ukoll il-fatt li biex l-atturi jwettqu l-obbligi tagħhom lejn il-kumpanniji li tagħhom huma diretturi, dawn għandhom rimedji oħrajn li jistgħu jittieħdu direttament kontra min jidhrilhom li mexa ħażin mal-istess kumpanniji. Hija l-fehma tal-Qorti li r-rimedju esperimentativ li huma qegħdin jittantaw li jiksbu bis-saħħa ta' din il-kawża iservi biss biex ikebbes aktar mibgħeda fil-konfront tal-imħarrek u jevita li l-kobba

[11] Paġġ. 36-7 tal-imsemmija sentenza
[12] Ara x-xhieda ta' Joseph Żammit f'paġġ. 204 sa 212 tal-atti tal-kawża numru 658/98RCP

mħabbla li qegħda tifni lill-partijiet tiġi mistħarrġa kif imiss u tinħall;

Illi l-Qorti ssib li, kif imfassla, l-azzjoni attriċi ma tistax tintlaqa' wkoll għaliex mhix ippruvata fi grad tajjeb biżżejjed billi l-premessi kienu jeħtieġu, kif sewwa jeċepixxi l-imħarrek, prova li l-atturi huma tassew sid ta' dak li jridu f'idejhom. Għalhekk, l-azzjoni xierqa kienet tkun dik tar-rivendika;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi ma ġewx ippruvati kif jixraq u ma jirriżultawx għalhekk mistħoqqa fil-fatt u d-dritt, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------